VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,866, 7 ta' Frar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 57 tal-2012**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### L-Istatut biex jemenda l-Istatut għaċ-Ċentru għad-Dokumentazzjoni u r-Riċerka Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2), 77(c)(d) u 136(3) ta' dak l-Att:

**It-Titolu**

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut biex jemenda l-Istatut għaċ-Ċentru għad-Dokumentazzjoni u r-Riċerka Ewropea, ppubblikat bħala Avviż Legali 103 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. L-artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw mis-16 ta' Diċembru 2011 'il quddiem.

3. L-artikoli 6 u 7 għandhom japplikaw mit-8 ta' April 2011 'il quddiem.

**L-Emenda għat-titolu tal-istatut prinċipali**

4. Minflok it-titolu tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Statut għall-Istitut għall-Istudji Ewropej."

**L-Emenda għall-istatut prinċipali**

5. Kull fejn tidher il-kelma "Ċentru" fl-istatut prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "Istitut għall-Istudji Ewropej".

**L-Emenda għall-artikolu 4 tal-istatut prinċipali**

6. Minflok l-artikolu 4 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. Il-membri kollha tal-Bord, għajr dawk li huma maħtura *ex officio*, iż-żewġ rappreżentanti tal-istaff akkademiku u ż-żewġ rappreżentanti tal-istudenti, jinħatru għal perijodu ta' sena, li jista' jiġi mġedded sa erba' snin. Membru li jirtira hu eliġibbli li jerġa' jinħatar."

**L-Emenda għall-paragrafu (a) tal-artikolu 6 tal-istatut prinċipali**

7. Minflok il-paragrafu (a) tal-artikolu 6 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6 (a) id-Direttur tal-Istitut jinħatar skont il-proċedura għall-ħatra tad-Diretturi tal-Istituti u Ċentri kif approvata mill-Kunsill tal-Universita', għal perijodu ta' sena, bil-possibilità li l-ħatra tiġġedded kull sena skont kriterji stabiliti ta' ħiliet, il-ħtiġijiet tal-Istitut u tal-Università, għal perijodu li ma jeċċedix l-erba' (4) snin; u".

**L.N. 57 of 2012**

**EDUCATION ACT**
**CAP. 327**

**Statute for the European Documentation and Research Centre (Amendment)**

IN EXERCISE of the powers conferred upon him by articles 74(5) and 75(6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following statute made by the Council of the University of Malta in virtue of the powers conferred upon it by articles 72, 75(1), 77(d) and 136(3) of the said Act:

**Citation**

1. This statute may be cited as the Statute for the European Documentation and Research Centre (Amendment) and shall amend the Statute for the European Documentation and Research Centre, published as Legal Notice 103 of 2010, hereinafter referred to as "the principal statute".

**Applicability**

2. Articles 4 and 5 shall be applicable from 16 December 2011 onwards.

3. Articles 6 and 7 shall be applicable from 8 April 2011 onwards.

**Amendment to the title of the principal statute**

4. For the title of the principal statute there shall be substituted the following:

"Statute for the Institute for European Studies".

**Amendment to the principal statute**

5. Wherever in the principal statute the word "Centre" occurs it shall be substituted by the word "Institute for European Studies".

**Amendment to article 4 of the principal statute**

6. For article 4 of the principal statute there shall be substituted the following:

"4. All members of the Board, other than those appointed *ex officio*; the two representatives of the academic staff and the two representatives of the students shall be appointed for a period of one year, renewable for up to four years. A retiring member will be eligible for re-appointment."

VERŻJONI ELETTRONIKA



**Amendment to paragraph (a) of article 6 of the principal statute**

7. For paragraph (a) of article 6 of the principal statute there shall be substituted the following:

> "6. (a) the Director of the Institute shall be appointed according to the procedure for the appointment of Directors of Institutes and Centres as approved by the Council of the University, for a duration of one year, with the possibility of renewal annually subject to established performance criteria, the needs of the Institute and the needs of the University, for a total period not exceeding four (4) years; and"

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.18